MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 101/2007

**Talba Nru: 101/07PBC**

**Michael Attard Limited (C 32362)**

**Vs**

**Anthony Borg (ID 469377 M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' erba' mija w erbgha u tmenin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm484.70c) rapprezentanti import ta' hames (5) kambjali skaduti fid-19 t'Awissu 2006, 19 ta' Settembru 2006, 19 t'Ottubru 2006,

19 ta' Novembru 2006 u 19 ta' Dicembru 2006 u mhux imhallsa.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' erba' mija w erbgha u tmenin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm484.70c), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------